# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 7**

**Avviz. numru 80/01mm**

**Gordon Farrugia**

**vs**

**Raymond Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fil-5 ta' Frar 2001 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dak l-ammont ta' flus li ghandu jigi likwidat minn dina l-Qorti anke permezz ta' periti nominandi rappresentanti valur ta' hsarat li gew kagonati minnu fuq il-hanut tal-attur bl-isem ta' "Memories Gifts Shop" Triq it-Trunciera kantuniera ma' Misrah il-Bajja, Bugibba liema hsarat gew inflitti f'incident stradali li sehh fil-31 ta' Ottubru 2000 meta huwa kien qieghed isuq xarabank numru ta' registrazzjoni JCY 882 ghal liema ncident huwa kien

unikament responsabbli prevja dikjarazzjoni f'dan is-sens minn din l-istess Qorti.

Ghal finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat li l-valur tal-hsarat de quo jeccedu s-somma ta' Lm250 pero' huma anqas l-ammont ta' Lm400.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur peress illi l-konvenut ma ghamel l-ebda hsara u ma kkaguna l-ebda danni fuq il-hanut ta' l-attur.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident illi gara fit-13 ta' Ottubru,2000 fi Triq it-Trunciera kantuniera ma' Misrah il-Bajja, Bugibba, meta x-xarabank JCY 882 kkawza xi danni fil-fond proprjeta' ta' l-attur. Il-konvenut Raymond Sciberras qed jikkontesta t-talba attrici fis-sens illi ma kienx hu li kkawza dawn id-danni.

L-attur Gordon Farrugia xehed illi huwa proprjetarju tal-fond maghruf bhala *"Memories Gifts Shop"* fi Triq it-Trunciera kantuniera ma' Misrah il-Bajja, Bugibba. Ghal habta ta' nofs il-lejl huwa gie nfurmat minn ommu li kien hemm coach tat-turisti li ghamel hsarat fil-fond tieghu. L-attur mar Bugibba u hemmhekk setgha josserva li kien hemm hsara fil-*canopy* u fil-*frame work* ta' l-aluminum tal-vetrina. Esebixxa zewg stimi tar-riparazzjonijiet illi huma mehtiega biex isewwew dawn il-hsarat.

L-attur gab bhala xhud lil Henrietta Vassallo illi toqghod proprju fil-fond vicin il-hanut. Vassallo xehdet illi ghal habta ta' nofs il-lejl kienet fid-dar taghha u semghet hoss ta' habta, harget fil-gallerija u hemmhekk tara din il-coach kwazi taht il-gallerija. Parti minn dan il-coach kien qaccat il-*canopy* tal-hanut ta' l-attur, liema *canopy* kien *extended* u mdendel fil-parti fejn suppost kien mal-hajt. Vassallo xehdet ukoll illi dan il-coach qaccat ukoll *sign board* tat-traffiku li tindika *tow zone* minn fuq il-bankina. Vassallo hadet in-numru ta' dan ix-xarabank u mbaghad taghtu lil omm l-attur Elfrida Farrugia. Omm l-attur ukoll semghet dan il-hoss u meta harget fil-gallerija rat dan il-coach imkahhal mal-hanut ta' binha. Rat ukoll dawn il-hsarat illi gew subiti fil-hanut, pero' meta mbaghad nizlet isfel biex tkellem lid-driver dan lahaq telaq. Fil-fatt ftit wara l-incident gew xi nies illi kienu fil-pjazza u ddirigew lid-driver sabiex jinqala minn dan il-hanut u jkun jista jkompli fit-triq tieghu.

Il-konvenut minn nahha l-ohra filwaqt li jammetti illi huwa kien qed isuq dan il-coach fil-hin u l-gurnata ndikata jghid illi huwa

kien mimli bit-turisti u waqt illi kien qed javvicina Bugibba mid-direzzjoni tal-Gillieru ra li kien hemm ma' l-art xi *sleeping policemen,* ghalhekk huwa naqqas il-velocita', izda l-vettura skidjat minhabba li l-art kienet imxarrba. Ix-xarabank telghet fuq il-bankina, qaccat *sign post* tat-*tow zone* izda mbaghad waqaf hemm. Il-konvenut ighid li huwa nizel mill-vettura tieghu biex jara kkawzax xi hsarat u ra li l-unika hsara li kien hemm mal-coach kienet ghafsa mal-bumper fejn laqat dan l-arblu. Nnega illi huwa setgha kkawza xi hsarat fil-hanut proprjeta' ta' l-attur. Fil-fatt meta dar dawra max-xarabank ma sab l-ebda hsarat ohra oltre dawk illi gew ikkawzati mill-imsemmi arblu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti rrikorriet ghar-rapport tal-Pulizija li hemm esibit f'dawn l-atti. Skond dan ir-rapport gew ikkawzati danni mhux biss fil-hanut ta' l-attur izda f'hanut iehor magembu. Naturalment din il-Qorti ma tistax tikkunsidra dawn il-hsarat ukoll ghax mhumiex meritu ta' din il-kawza, izda huwa signifikanti illi kien hemm aktar minn persuna wahda tilmenta minn dan l-incident u jekk wiehed ha zball tnejn daqsxejn difficli, l-Qorti jidhrilha illi l-attur gab provi bizzejjed sabiex jissustanza l-kawza tieghu.

Jibda biex jinghad illi Henriette Vassallo kienet fuq il-post kwazi mmedjatament mal-habta u hemmhekk setghet tara l-parti tal-*canopy* imdendla 'l barra fuq is-saqaf tax-xarabank. Dan ix-xarabank kien wiehed tat-turisti u huwa pjuttost gholi u goff, li jlahhaq kwazi sular. Dana jpoggieh fil-kategorija sabiex ikkawza

il-hsarat lamentati. Ma hemmx dubbju, illi jekk jghaddi vicin dawn il-hwienet dana ser jikkawza danni u zgur li kien sejjer jaqla dawn il-*canopies* li kien hemm fuq il-bibien. Apparti minn hekk, Vassallo xehdet illi rat ukoll dan l-arblu mghawweg wara dan ix-xarabank. Dana jfisser illi Vassallo kienet taf sew x'qed tghid. Osservat ix-xena ta' l-incident bl-akbar reqqa u setghet tiddeskrivi b'mod car u inekwivoku d-danni illi gew kkawzati b'relazzjoni max-xarabank illi kien hemm dak il-hin. Veru illi dina ma ratx l-impatt, pero' b'daqshekk ma jfissirx illi x-xhieda taghha ghandha tigi skartata, anzi l-Qorti jidhrilha illi din ix-xhieda hija determinanti ghar-reponsabbilta' tad-danni reklamati. Ghalhekk, mehud in konsiderazzjoni l-ghamla tax-xarabank vis-a vis il-hsarat illi gew ikkawzati, l-Qort hija sodisfatta li probabilment dawn id-danni gew ikkawzati mix-xarabank misjuq mill-konvenut. Din il-grad ta' prova hija bizzejjed sabiex il-Qorti jkollha dak il-konvinciment morali ghas-success ta' l-istanza attrici u ghalhekk jidhrilha illi l-attur ghandu ragun fit-talba tieghu li timmerita konferma. Mill-istimi illi esebixxa l-attur irrizulta illi dana sofra hsarat fl-ammont ta' mitejn u tnejn u erbghin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm242.65c).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur. Tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm242.65c) hsarat li gew kagonati minnu fil-hanut ta' l-istess attur bl-isem ta' *"Memories Gifts Shop"* Triq it-Trunciera kantuniera ma' Misrah il-Bajja, Bugibba liema hsarat gew inflitti f'incident stradali li

sehh fit-13 ta' Ottubru 2000 meta l-istess konvenut kien qieghed isuq xarabank bin-numru ta' registrazzjoni JCY 882 ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg